**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors numru : 410/2016 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg gewwa Selby, fl-Ingilterra fid-19 ta' Gunju 1982 (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat 'Dok. A'), u miz-zwieg kellhom tifla wahda illi twieldet fit-30 ta' Jannar 1989 u li allura ghandha sebgha u ghoxrin sena;
2. Illi l-imsemmija kontendenti kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dr Ruben Casingena fit-22 ta' Novembru 2011 (kopja legali hawn annessa u mmarkata 'Dok. B');

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia,* l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi reciprokament irrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment (il-klawsola bin-numru 2 ta' l-istess kuntratt), waqt li ma kienx hemm lok li jigu rregolati l-obbligi tal-hlas tal-manteniment lil binthom billi din kienet diga' maggorenni mal-pubblikazzjoni ta' l-att ta' separazzjoni (id-dikjarazzjoni bin-numru 2);
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'humiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kodici Civili ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tirrileva :

1. Illi l-esponenti ma ssibx oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet salv pero' :
   a. Li tali divorzju ma jgib ebda bidla f'dak miftiehem permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 22 ta' Novembru 2011 fl-atti tan-Nutar Dr. Ruben Casingena; u
   b. Li hija m'ghandix tinzamm responsabbli ta' dan id-divorzju u konsegwentement m'ghandhiex issofri l-ispejjez tal-proceduri istanti;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Settembru 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Novembru 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.